MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 233/1991/1

**Alfred Farrugia**

**v.**

**Mary Rose Meli**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Marzu, 1991 l-attur ippremetta illi meta hu kien qed isuq Motor Cycle Suzuki, Numru ta'

Registrazzjoni Q-7821 sofra danni inkluz ukoll korriment personali f'incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Novembru 1989 f'Constitution Street, il-Mosta fejn huwa safa' milqut u mwegga' minn vettura numru ta' Registrazzjoni Numru S-9794(M) misjuqa mill-konvenuta; illi l-incident gara unikament tort tal-konvenuta; illi l-attur sofra danni u sofra korriment ta' natura permanenti u gie permanentement debilitat; illi ghamel u ghadu jaghmel bosta spejjez, u tilef hafna qliegh in konsegwenza ta' l-incident u ghadu sallum ibati mill-effetti tal-korriment; illi l-konvenuta giet inutilment interpellata tersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni; ghalhekk talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Novembru 1989 f'Constitution Street, il-Mosta bejn il-partijiet u ghad-danni kollha sofferti mill-attur;
2. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni hekk ikkawzati;
3. tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri legali tat-12 ta' Jannar 1990, tat-12 ta' Frar 1990 u tat-12 ta' Ottubru, 1990 u bl-imghax minn notifika ta' din ic-citazzjoni. Il-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-9 ta' Mejju 1991 l-konvenuta eccepiet:-

1. Illi l-incident awtomobilistiku li gara fil-20 ta' Novembru 1989 fil-limiti tal-Mosta gara unikament tort ta' l-attur li naqas milli josserva r-regolamenti tat-traffiku.
2. Illi ghalhekk l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, anzi ghandu ikun l-istess attur li ghandu jhallas lill-eccipjent id-danni minnha sofferti f'dan l-incident.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza moghtija fid-29 ta' Ottubru 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-20 ta' Novembru

1989 go Constitution Street Mosta u ghad-danni kollha konsegwenzjali; illikwidat id-danni hekk ikkagunati fl-ammont ta’ ***elf u disa’ mitt lira maltin (LM1,900)***; u kkundannat lill-istess konvenuta thallas din is-somma lill-attur flimkien ma’ l-imghax legali mid-data tas-sentenza. Finalment il-Qorti ordnat li l-ispejjez ikun a kariku tal-konvenuta; hlief ghall-nofs l-ispejjez tar-rapport addizzjonali u l-ispejjez kollha tar-rapport addizzjonali ulterjuri li ghandhom jibqghu a kariku ta’ l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

“***Kwadru tal-fatti***

“Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-20 ta’ Novembru 1989 ghal habta tal-11 pm waqt li l-attur kien ghaddej bil-mutur numru Q-7821 minn Constitution Street, li hija triq principali, sejjer fid-direzzjoni tar-Rotunda; hekk kif wasal fil-vicinanzi ta’ 9th April Street, li hi side street fuq il-lemin tieghu, harget ghal got-triq principali vettura Yugo numru S-9794 misjuqa mill-konvenuta u daret lejn il-lemin taghha wkoll fid-direzzjoni ta’ Rotunda Square. Rizultat ta’ din il-manuvra il-mutur ta’ l-attur laqat il-vettura tal-konvenuta fuq in-naha tal-bieba ta’ quddiem tal-passiggier bil-konsegwenza li l-mutur baqa’ jitkaxkar fuq distanza ta’ 122.80 metri u l-attur korra.

“**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“*Responsabbilita – Osservazzjonijiet guridici*

“Illi rigward l-aspett tar-responsabbilita` ta’ l-incident, il-Qorti tikkondividi pienament il-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzzjoni raggjunta mill-abbli perit legali l-Avukat Dottor Joseph Ciappara; u din il-Qorti fl-esposizzjoni ta’ l-aspett guridiku tal-vertenza in disamina, ser taghmel referenza wkoll ghal uhud mill-kazijiet kwotati mill-istess perit legali.

“Illi bazikament l-incident sehh meta il-kovenuta harget bill-vettura taghha minn go side street ghal go main road li minnha kien ghaddej l-attur. Illi l-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat

fil-gurisprudenza u hu fis-sens li: s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jaghmel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b'mod diligenti it-triq principali u ghandu jinserixxi ruhu unikament meta jkun cert li jista' jaghmel dan minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, jkompli u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu u xkiel ghat-traffiku li jista` jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane[4].. Aktar ma tkun popolari u traffikuza t-triq principali, aktar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra.

"Is-sewwieq tas-side road "*ghandu d-dritt li jaqsam il-main road meta bid-debita prudenza jkun accerta ruhu li din hi libera"*[5]. Huwa ghandu "*l-obbligu assolut li, x'hin japprossima l-crocevia, jesploraha bl-akbar attenzjoni qabel ma jiddeciedi li jittraversaha"*[6].

"*Ghandu jidhol fil-main road meta din tkun talment libera li jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m'ghandux jiehu"*[7] Is-side road user li jrid jidhol fil-main road ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi dead slow li sahansitra jieqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.[8]

"Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm *a proper look out.* Dan l-obbligu huwa korollari tal-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkostanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. "*Side road user kellu 'a higher duty' li jesplora l-*

---

[4] Prim Awla (NC) ***Manuel Caruana et vs Dottor Tonio Mallia*** et noe deciza 21 ta' Marzu 2002.
[5] App. Krim. ***Il-Pulizija vs Nazzareno Borg*** – 12 Novembru 1960.
[6] Ibid.
[7] App. Krim. ***Il-Pulizija vs Giuseppe Galdes*** – Vol.XXXVII.IV.1108
[8] App.Civ. Vol.LXXXII.II.473

*main road, u jesploraha tajjeb f'sens li jara dak li kien vizibbli*"[9].

"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat ta' l-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir tas-sewwieq li jzomm dak li komunement tissejjah *a reasonable look out*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli …." *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view*[10]. "*The duty to look implies the duty to see what is in plain view*"[11].

"Konformement ma' u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevanza qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr. Qorti ta' l-Appell Kriminali li: jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm *a proper look out*"[12]

"Illi fil-kaz in disamina l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali li l-incident sehh unikament tort tal-konvenuta meta dina ma ezercitatx dik id-diligenza rikjesta minnha mill-ligi fic-cirkostanzi tal-kaz u infiltrat fit-triq principali minghajr ma esplorat sewwa jekk kienx gej traffiku minn naha tax-xellug taghha, u ma accertatx li setghet, mhux biss tibda u taghmel il-manuvra prospettata, imma li setghet titterminaha minghajr perikolu ghat-traffiku ghaddej mit-triq principali. Rizultat ta' dan in-nuqqas ta' ezercizju ta' diligenza da parti taghha, il-konvenuta ma ratx lill-attur gej bil-mutur tieghu meta

---

[9] App.Krim. **Il-Pulizija vs Joseph Vella** – 10 ta' Awissu 1963
[10] Prim Awla Vol. LXXXII.III.322; u Vol. XLVI.I.112
[11] Gibb **Trial of Motor Car Accident Cases** Section 54 – kwotat mill-abbli perit legali.
[12] App. Krim. **Il-Pulizija vs John Laferla** – 17 ta' Gunju 1961.

kellha vizwali li, ghalkemm kien id-dlam, kienet twassal fit-tul tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-triq. B'hekk holqot sitwazzjoni ta' emergenza subitanea li wasslet biex il-mutur ta' l-attur baqa' diehel fil-vettura taghha fuq in-naha tal-bieba tal-passiggier ta' quddiem.

"Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-incident de quo gara unikament tort tal-konvenuta u ghandha ghalhekk tirrispondi ghad-danni konsegwenzjali."

Determinata l-kwestjoni ta' responsabbilita` ghall-akkadut l-ewwel Qorti ghaddiet biex tillikwida d-danni reklamati mill-attur sew taht il-kap ta' *damnum emergens* kif ukoll dawk id-danni konsistenti f'telf futur minhabba d-dizabbilita` sofferta u generalment maghrufa bhala *lucrum cessans.*

Ghal dawk li huma danni reali, ossia *damnum emergens*, l-ewwel Qorti sabet li l-attur kellu spiza ta' LM219.59 biex issewwa l-mutur, filwaqt li hallas LM25 drittijiet professjonali tat-Tabib. B'kollox ghalhekk l-attur kellu jiehu, taht dan il-kap, is-somma totali ta' LM244.59.

Ghal dak li huwa *lucrum cessans* l-ewwel Qorti ikkonstat li l-Periti Perizjuri medici mahtura minnha kienu stabilew grad ta' dizabbilita` permanenti ta' 2%, liema percentwali kien accettabbli lil dik il-Qorti u gie adottat fil-komputazzjoni tad-danni eventwali. L-istess Qorti adottat bhala introjtu annwu ta' l-attur is-somma ta' LM3,500, suggerita mill-espert legali hawn fuq imsemmi, liema somma kienet tirraprezenta zieda ta' LM847 fuq l-introjtu annwu ta' l-attur ghas-sena ta' l-incident. Ghal dak li huwa "*multiplier*"*,* u cioe` in-numru ta' snin fuq liema kellhom jigu komputati d-danni, l-ewwel Qorti hasset li l-attur ghandu jigi kumpensat fuq firxa ta' 25 sena. Finalment gie deciz li minhabba c-cirkostanzi tal-kaz u d-dewmien fid-determinazzjoni tal-vertenza, mis-somma likwidata kellha titnaqqas 5% ghal "*lump sum payment deduction"*. Ghalhekk, tenut konta ta' dan kollu, l-ewwel Qorti ikkwantifikat id-danni ghal telf futur fis-somma ta' LM1,663 li mizjuda mad-danni reali (damnum emergens) twassal ghal figura arrotondata ta' LM1,900 bhala danni

totali dovuti lill-attur bl-imghax legali mid-data tas-sentenza inkwantu l-ammont ma kienx likwidu.

**L-appelli tal-kontendenti.**

Minn din is-sentenza appella sew l-attur b'rikors tas-6 ta' Novembru, 2003 kif ukoll il-konvenuta b'appell incidentali mizjud mar-risposta ghar-rikors ta' l-attur.

Fir-rikors tieghu l-attur qed jitlob li s-sentenza imsemmija tigi riformata billi tigi kkonfermata in kwantu sabet lill-konvenuta unikament responsabbli ghad-danni ghall-incident in kwestjoni u riformata in kwantu illikwidat id-danni fis-somma ta' elf u disa' mitt lira Maltin (LM1,900), billi din il-Qorti tillikwida hija stess ammont superjuri dovut mill-konvenuta, u dan "*jekk jidher il-kaz lil din il-Qorti wara li tappunta in vista tas-suespost Periti Medici;*" u "(2) tirrevoka d-digriet tal-10 ta' Marzu 2003 ta' l-ewwel Qorti fejn cahdet l-ammissjoni tad-dokumenti hemm esebiti u ordnat l-isfilz taghhom billi tammettihom bhala parti mill-atti u tiehu konjizzjoni taghhom fl-Atti tal-kawza" – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

Fir-risposta taghha l-konvenuta ssostni li s-sentenza appellata "hija fil-parti l-kbira taghha gusta u timmerita konferma u dana partikolarment bil-mod u metodu li gew likwidati d-danni". L-istess konvenuta izda sostniet li l-ewwel Qorti kienet skorretta "f'dak li jirrigwarda r-responsabbilita ta' l-incident u l-*years purchase* fil-multiplier u konsegwentement talbet, bl-appell incidentali, li din l-Qorti "fl-ewwel lok tirrespingi t-talbiet attrici" u "fit-tieni lok joghgobha tbidell is-sentenza appellata u b'hekk tnaqqas l-ammont li gie likwidat bhala danni favur l-attur mill-ewwel Qorti, billi taghti parti mit-tort u l-htija ghall-incident …... lill-attur Alfred Farrugia imhabba li huwa kien qed isuq b'speed qawwi u konsegwentement kien "*main road abuser*", u li wkoll tnaqqas il-*years purchase* tal-multiplier minn 25 sena ghal 20 sena, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku ta' l-attur u dana skond il-grad ta' responsabbilita` ta' l-incident, hlief ghal dawk tar-rapport mediku addizjonali ulterjuri li ghandhom jibqaghu kollu (sic) a kariku ta' l-attur appellant."

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

Kif jidher mir-rikors ta' l-appell l-aggravji ta' l-attur kontra s-sentenza appellata huma hamsa. Dawn jistghu jigu sintetizzati hekk:-

a) dwar ic-certifikazzjoni medika, l-esponent jidhirlu illi l-ewwel Qorti ma fehmitx il-lanjanza essenzjali ta' l-esponent tad-deterjorazzjoni tal-persuna ghalhekk ma messiex qaghdet biss fuq ic-certifikati tal-Periti Addizzjonali, izda messa kkunsidrat ic-certifikazzjoni li kellu l-attur bhala prova tac-cirkostanzi li qed jinbidlu;

b) illi fil-kwantifikjazzjoni tad-danni addottat kriterji baxxi fil-konfront ta' l-esponent relativament ghal awment fil-paga, u l-kriterji tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment*;

c) illi dwar l-imghax, l-ewwel Onorabbli Qorti messha segwiet prassi ta' Qrati ohra illi l-imghax jiddekorri mid-data tac-citazzjoni;

d) illi in konsegwenza ta' l-aggravju A, ic-certifikazzjoni medika li giet sfilzata b'digriet ta' l-10 ta' Marzu 2003 ghandha tigi ammessa;

e) illi l-attur ma ghandux ibati l-ispejjez tal-perizja addizzjonali ghaliex it-talba ma kenitx wahda kappriccjuza.

**L-aggravji tal-konvenuta fl-appell incidentali.**

a) L-ewwel aggravju jikkoncerna l-kwestjoni ta' responsabbilita` billi qed jigi allegat li l-attur kien jsuq bi speed eccessiv u ghalhekk ghandu jigi addebitat parti mir-responsabbilita`.

b) It-tieni aggravju jikkoncerna l-"*years purchase*" billi l-ewwel Qorti akkordat perjodu itwal minn dak li kien issuggerixxa l-Perit Legali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

L-ewwel nett irid jigi ezaminat l-aggravju dwar id-digriet tal-10 ta' Marzu 2003. Fl-udjenza tas-26 ta' Frar, 2003 gie verbalizzat hekk: "*Deher Dr. Patrick Galea ghall-attur, qed jipprezenta certifikati medici u dokument ta' l-ispejjez relativi mahruga mit-tobba ex-parte u jitlob li l-Qorti tiehu*

*konjizzjoni taghhom*." Fl-istess udjenza Dr. Louis Bianchi ghall-konvenuta oggezzjona u talab l-isfilz ta' dawn id-dokumenti peress li "*l-periti gudizjarji u dawk addizzjonali ga prezentaw ir-rapporti taghhom.*" Sussegwentement l-attur intavola rikors fil-5 ta' Marzu, 2003 fejn talab li l-Qorti tammetti bhala prova ic-certifikati medici ezebiti fl-udjenza imsemmija. B'digriet tal-10 ta' Marzu, 2003 it-talba ta' l-attur, kontenuta fir-rikors hawn fuq imsemmi, giet michuda u gie ordnat l-isfilz ta' l-imsemmija dokumenti billi l-Qorti irriteniet "*li l-provi dwar dan l-aspett tal-kawza ghandhom jitqiesu mghaluqa bir-relazzjoni ulterjuri tal-periti addizzjonali.*" Fl-istess digriet l-Qorti ordnat li ghas-seduta li kien imiss "*il-kawza qieghda tithalla ghal trattazzjoni.*"

L-appell ta' l-attur jitlob li dan id-digriet jigi revokat u li konsegwentement jigu ammessi d-dokumenti imsemmija billi dawn juru d-deterjorazzjoni tal-persuna ta' l-attur b'mod li l-percentwali ta' dizabbilita` jkun fi grad ghola.

Din il-Qorti tosserva li l-aspett mediku involva hafna telf ta' zmien f'kawza li, minhabba s-semplicita` taghha, kellha tigi determinata hafna snin ilu u mhux hmistax-il sena wara ghadha qed tigi kunsidrata mill-Qorti. Jirrizulta li l-attur gie ezaminat minn erba' esperti medici u cioe` l-ewwel Mr J. Attard, li r-rapport tieghu jinsab anness mar-rapport ta' l-espert legali Dr. Joseph Ciappara, u minn Prof Victor Griffiths, Mr. C. Apap Bologna u Mr F. Zammit Maempel. Sahansitra dawn l-ahhar tlieta wara r-rapport taghhom tat 18 ta' Ottubru, 1996, gew mitluba jergghu jezaminaw lill-istess attur ghal darb ohra u pprezentaw rapport addizzjonali fit-2 ta' Mejju, 2001, liema rapport gie mahluf fis-27 ta' Novembru, 2001. F'dan it-tieni rapport taghhom, minkejja li l-attur irrileva certa ilmenti ohra, xorta ikkonfermaw r-rapport originali taghhom ghal dik li hija dizabbilita` billi sostnew li din kellha tkun, bhal ma qalu fl-ewwel rapport, ta' 2%.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li ghalkemm rapporti *ex-parte* jista' jkollhom effett probatorju, il-Qorti hija naturalment dejjem aktar propensa li toqghod u tadotta l-parir ta' l-esperti li jkunu gew mahtura minnha fil-proceduri. Dak ir-rapport, essendo ta' natura teknika,

generalment jaghmel prova inkonfutabbli ghad-deteminazzjoni tal-kawza, u l-Qorti ma tistax tippermetti, specjalment fi stadju avvanzat tal-proceduri, bhal fil-kaz in ezami, li jigu prezentati rapporti ohra *ex-parte* ghax b’dan il-mod il-kawza qatt ma tkun tista’ tigi determinata. Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel u r-raba’ aggravji ta’ l-appellant mhux gustifikati u konsegwentement it-talba ghar-revoka tad-digriet fuq imsemmi ser tigi michuda. Kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti fid-digriet tal-10 ta’ Marzu 2003, il-provi dwar l-aspett mediku kellhom jitqiesu maghluqa bir-relazzjoni ulterjuri tal-periti addizzjoni Griffiths, Apap Bologna u Zammit Maempel.

Fil-mertu l-attur qed jilmenta li, fil-kwantifikazzjoni tad-danni, l-ewwel Qorti adottat kriterji baxxi. Fit-tieni aggravju jinghad li dan l-ilment huwa indirizzat lejn l-awment fil-paga u l-kriterju tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment*. Fir-rigward tat-tieni ilment ma jinghad xejn fil-korp tar-rikors ta’ appell u fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ma tistax tifhem l-portata ta’ dan l-aggravju billi l-ammont ta’ tnaqqis kien biss ta’ 5% li fil-fehma ta’ din il-Qorti kien wiehed ragjonevoli hafna u barra minn normal tenut kont tad-dewmien kagunat mill-istess attur matul il-kawza. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghal dak li huwa l-introjtu ta’ l-attur rifless fuq firxa ta’ snin futuri jidher li l-ewwel Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-introjtu tieghu fid-data ta’ l-incident, awmentat dan l-introjtu bis-somma ta’ LM447 b’hekk il-*multiplicand* gie stabbilit fis-somma ta’ LM3,500. Tenut kont tal-perjodu pjuttost twil (25 sena) li matulu kien ser jinghata kumpens, wiehed jista’ jghid li introjtu simili huwa kemm xejn baxx. Izda din il-Qorti tosserva li f’materja ta’ danni *aquiliani* l-*quantum* dejjem jibqa’ fid-diskrezzjoni tal-gudikant u din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-fatturi kollha, hija tal-fehma li ma ghandhiex tiddisturba l-gudizzju ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Dwar id-data minn meta jibdew jigu komputati l-imghaxijiet ftit hemm xi tghid. Hija massima tal-ligi li *in illiquidis non fit mora* u gialadarba t-talba fic-citazzjoni kienet ghal

somma *da liquidarsi* kienet korretta l-ewwel Qorti li takkorda imghax mid-data meta l-istess danni gew determinati. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Finalment l-attur qed jilmenta dwar il-fatt li huwa gie akkollat l-ispejjez tal-perizja addizzjonali u dana in vista tal-fatt, skond l-attur, li tali talba ma kienitx kapriccjuza.

Din il-Qorti tosserva li wara li l-Periti Perizjuri medici pprezentaw ir-rapport taghhom tat-18 ta' Ottubru, 1996, l-attur beda jqajjem diversi diffikultajiet senjatament dwar l-imparzjalita` tal-Profs V. Griffiths u in konnessjoni ma xi certifikati medici li xtaq jipprezenta. Il-kwistjoni tal-Profs Griffiths giet rizoluta. Biss l-attur ntavola rikors fit-2 ta' Novembru, 2000 fejn, in vista ta' dokumentazzjoni gdida, talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li jigi ammess jipprezenta dokumentazzjoni gdida u "*jekk ikun il-kaz jigi ordnat ezami mediku gdid* …" B'digriet tat-2 ta' Novembru, 2000 l-Qorti laqghat it-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, ordnat li l-attur jerga jigi nvistat mill-periti addizzjonali li kellhom jindikaw biss "*jekk il-kundizzjoni ta' l-attur iddeterjoratx kagun ta' l-incident mid-data li l-ahhar gie invistat mill-periti addizzjonali*" u finalment ordnat l-isfilz tad-dokumenti esebiti mar-rikors.

Kif gia` inghad hawn fuq ir-rizultat tat-tieni ezami bl-ebda mod ma iggova lill-attur in kwantu, wara it-tieni ezami, l-periti addizzjonali waslu ghall-istess grad ta' dizabbilita`. Dan ifisser li l-ilment ossija t-talba ta' l-attur kienet wahda frivola u konsegwentement huwa ghandu jbati l-ispejjez ta' l-istess. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat dwar l-appell incidentali tal-konvenuta.**

Il-konvenuta qed tilmenta mis-sejba mill-ewwel Qorti tar-responsabbilita` kollha taghha ghall-incident *de quo*. Qed jigi sottomess fir-rikors ta' appell li l-attur <u>setgha</u> kien "**main road abuser**" u dana minhabba d-distanza li ittraversa l-mutur wara l-impatt li, skond il-konvenuta, huwa indikattiv ta' speed eccessiv. Izda jigi osservat li ma saret ebda referenza ghall xi prova li tindika li l-attur seta'

kien mixi bi speed qawwi. Il-fatt wahdu li l-mutur mexa ghal distanza konsiderevoli, mhux prova konkluzziva ta' speed eccessiv u l-Qorti ma tistax toqghod fuq supposizzjonijiet jew argumenti minghajr sostenn fil-provi. Din il-Qorti ghalhekk thoss li dan l-aspett ta' l-appell tal-konvenuta mhux gustifikat.

Qed jigi sottomess ukoll li l-"*years purchase*" ta' 25 sena kien eccessiv sew billi mar oltre dak suggerit mill-istess espert legali, sew billi jeccedi l-hajja lavorattiva ta' l-attur. Ghal dak li jirrigwarda dak li intqal fir-rapport ta' l-espert legali ghandu jigi osservat li dan huwa semplici parir li jinghata lill-Qorti u din mhux marbuta b'dan il-parir, billi tista' fid-diskrezzjoni taghha, jekk thoss li jkun il-kaz, tvarja minn dak li jinsab fir-rapport ta' l-espert. Mill-banda l-ohra billi fiz-zmienijiet tal-lum qed isir hafna diskors li ir-"retiring age" toghla din il-Qorti ma tara xejn hazin fil-fatt li l-ewwel Qorti ikkomputat id-danni fuq firxa ta' snin li, mghaduda ma' l-eta ta' l-attur fid-data ta' l-incident, kienu jeccedu is-sittin sena. Huwa minnu li bhala regola biex jigu stabbiliti l-"*years purchase"* ghal fini tal-komputazzjoni tad-danni l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni ic-"chances and changes of life" billi jista' jkun hemm fatturi ohra li jnaqqsu l-hajja lavorattiva ta' dak li jkun. Biss fil kaz in ezami jidher li ghaddew kwazi sbatax-il sena mid-data ta' l-incident u ghalhekk din il-Qorti tista' tistrieh fuq dan il-fatt. Inoltre, b'referenza ghal dak li intqal hawn fuq fir-rigward ta' l-introjtu futur ta' l-attur ghal fini tal-komputazzjoni tad-danni, din il-Qorti ma thoss li jkun xieraq li tiddisturba l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti billi jidher li dik il-Qorti sabet bilanc gust bejn iz-zewg fatturi li jwasslu ghal-likwidazzjoni tal-*quantum*.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell principali ta' l-attur qed jigi michud, kif ukoll qed jigi michud l-appell incidentali tal-konvenuta filwaqt li s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-ewwel sentenza. Dwar l-ispejjez ta' din l-istanza din il-Qorti tordna li l-attur ghandu jbati l-ispejjez ta' l-appell minnu intavolat filwaqt li l-konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' l-appell incidentali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------